MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 77/2007

Helen **Sammut Alessi**

**vs**

**Reverendu Kanonku Dun Anton Mallia Borg**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Helen Sammut Alessi, li permezz tieghu, wara li ppremettiet illi:

Fil-31 ta' Awwissu 1994 miet ir-Reverendu Kanonku Carmelo Pirotta, illi permezz tal-ahhar testment tieghu in atti J.H. Saydon tal-31 ta' Dicembru1993 (kopja annessa bhala Dok. HSA1) kien innomina lill-attrici flimkien ma' ohtha Carmelina Sammut Alessi (illum mejta) eredi universali tieghu, mentri istitwixxa lill-konvenut Dun Anton Mallia Borg ezekutur testamentarju tieghu;

Wara gimgha mill-mewt tal-imsemmi Kanonku Pirotta, il-konvenut tfacca fid-dar tar-residenza tal-mejjet u mingahjr ebda avviz qabel inehhi mill-imsemmija dar ghadd ta' oggetti proprjeta' tad-decuius, fosthom:

(i) pittura rapprezentanti patri;
(ii) arlogg ta' Malta antik;

(iii) sufan antik bil-lavur tal-kewkba;
(iv) statwa tal-fidda ta’ San Pawl jew San Filep f’bozza tal-hgieg;
(v) statwa zghira ta’ Sant’ Elena;
(vi) ghadd ta’ ghodod antiki;
(vii) ghadd ta’ qsari tal-fuhhar;

U dan li rat l-attrici b’ghajnejha, oltre dak illi l-attrici taf li ttiehed imma li ma ratx hi;

Mitlub jaghti spjegazzjoni dwar dak li kien ser jaghmel bl-oggetti msemmija, il-konvenut originarjament sostna li kien qieghed jiehu diversi oggetti sabiex jaqdi l-inkarigu tieghu ta’ ezekutur testamentarju; hekk qal li kien qieghed jiehu l-arlogg ta’ Malta sabiex jaghtih lill-Bazilika ta’ Sant’ Elena skont ix-xewqa tal-Kanonku Pirotta, l-istatwa tal-fidda kellha l-hsara u qal li kien ser jehodha ghat-tiswija, u l-qsari qal li kien qieghed ibieghhom; mentri l-kumplament hadhom minghajr spjegazzjoni;

Meta pero’, permezz ta’ ittra ufficjali datata 13 ta’ Settembru 2006, gie interpellat sabiex jaghti rendikont skont il-ligi tal-amministrazzjoni tieghu u sabiex jikkonsenja lill-esponenti l-bilanc tal-assi likwidi u l-mobbli li ghadhom fil-pussess tieghu (Dok. HSA2), il-konvenut sostna li kull pretensjoni ghall-ghoti ta’ rendikont hija llum preskritta u li fi kwalunkwe kaz, l-oggetti msemmija gew moghtija lilu b’titolu ta’ donazzjoni mill-istess attrici u ohtha llum mejta (Dok. HSA3);

Il-konvenut gie mahtur ezekutur testamentarju bis-sahha tad-digriet 1115/1996 moghti mis-Sekond’Awla fis-16 ta’ Settembru 1996, u dan wara li obbliga ruhu fl-atti tal-istess Qorti li jaghti kont sewwa tal-amministrazzjoni tieghu fi tmiem dik l-amministrazzjoni jew meta jigi mitlub (ipoteka generali Nru. 14707/1996 registrata 18 ta’ Settembru 1996), izda tali rendikont ghadu sa issa qatt ma nghata (Dok. HSA4);

Qabel ma qeda l-inkarigu tieghu, il-konvenut insista li jigi mmess fil-pussess tad-dar fi Triq San Guzepp, f’Birkirkara, legat lilu mholli b’kumpens ghas-servizzi tieghu ta’ ezekutur

testamentarju (atti Nutar J.H. Saydon tat-22 ta' Marzu 1995, kopja annessa bhala Dok. HSA5);

L-esponenti tiddikjara li taf personalment bil-fatti kollha hawn dikjarati.

Talab il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara li l-konvenut kien obbligat li jaghti rendikont tal-amministrazzjoni tieghu skont il-ligi fi tmiem l-amministrazzjoni tieghu jew meta mitlub, u li naqas minn tali obbligu;

Tordna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici l-oggetti elenkati fil-paragrafu tnejn (2) ta' dan ir-rikors guramentat flimkien mal-bilanc tal-assi likwidi u flimkien ma' kull oggett mobbli iehor li jista' jirrizulta dovut mill-konvenut lill-attrici;

Tordna r-restituzzjoni tal-legat rimuneratorju mholli lill-konvenut ghas-servizzi tieghu jew taghti kull rimedju iehor li jidhrilha xieraq skont il-ligi.

Bl-ispejjez legali, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Settembru 2006, bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri fil-ligi, u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba guramentata tar-Reverendu Kanonku Dun Anton Mallia Borg, li in forza tieghu eccepixxa illi:

Il-konvenut jirrileva li huwa jinsab ferm sorpriz li wara tlettax-il sena, l-attrici fethet din il-kawza u wara li l-istess attrici flimkien m'ohtha kienu kompartecipi ghal dak kollu li sar mill-eredita' tal-Kanonku Dekan Carmelo Pirotta;

Il-konvenut qua ezekutur testamentarju esplika l-inkarigu tieghu skont il-ligi;

Il-konvenut meta kien qed jesplika l-inkarigu tieghu qua ezekutur testamentarju huwa kien jinforma u jaggorna lill-

attrici b’dak kollu li huwa jkun qed jaghmel u dana a sodisfazzjon tal-istess attrici;

Il-konvenut, ghalkemm kien ezekutur testamentarju, ma kellu l-ebda access ghall-fond tal-Kanonku Dekan Carmelo Pirotta u kienu l-attrici u ohtha Carmela li kellhom ic-cavetta ghall-fond in kwistjoni. Ghalhekk, il-konvenut qatt ma dahal wahdu fl-imsemmi fond;

Dwar l-oggetti msemmija f’paragrafu tnejn (2) tar-rikors mahluf promotur, il-konvenut jiddikjara kategorikament illi l-oggetti li huwa ha hu hadhom ghaliex gew moghtija lilu mill-attrici u/jew minn ohtha bil-kunsens pjen taghhom u kkonsenjawhomlu taht titolu gratuwitu u dana anke tenendo kont ir-relazzjoni li kellu l-konvenut ma’ l-illum mejjet habib kbir tieghu, il-Kanonku Pirotta hekk kif taf ben tajjeb l-attrici;

Il-konvenut jiddikjara li mhemm l-ebda oggetti mobbli ohra jew assi likwidi fil-pussess tieghu u ghalhekk it-tieni talba attrici ma tistax tregi f’dan ir-rigward;

Ghal dak li jirrigwardja t-tielet talba attrici, il-konvenut jirrileva illi din hija wahda guridikament insostenibbli u dana billi mhemm l-ebda talba fir-rikors mahluf promotur halli jigi rexiss l-att pubbliku ta’ immissjoni fil-pussess fl-atti tan-Nutar Pubbliku J.H. Saydon datat 22 ta’ Marzu 1995;

Il-konvenut iwiegeb illi fi kwalunkwe kaz, kull azzjoni ghar-rexissjoni ta’ tali att pubbliku hija llum rexissa bil-preskrizzjoni ta’ sentejn;

Il-konvenut jecepixxi wkoll illi l-att pubbliku ta’ immissjoni fil-pussess fl-atti tan-Nutar Pubbliku J.H. Saydon datat 22 ta’ Marzu 1995, huwa wiehed validu ai fini u effetti kollha tal-ligi u mhemm l-ebda raguni valida fil-ligi halli t-tielet talba attrici tintlaqa’;

Il-konvenut jirriserva li jwiegeb u jecepixxi ulterjorment meta u sakemm tippermettilu l-ligi.

B’riserva min-naha tal-konvenut ghall-poizzjoni tieghu kemm civilment u kemm kriminalment ghal dik li hija malafama maghmula mill-attrici fil-konfront tieghu fir-rikors mahluf promotur.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha moghtija quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Semghet xhieda viva voce.

Rat id-dokumenti kollha.

Rat l-atti kollha.

Rat li, ghalkemm moghtija l-fakulta’ li tressaq sottomissjonijiet bil-miktub, l-attrici ma ressqet ebda sottomissjonijiet finali.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza, Helen Sammut Alessi qed titlob minghand il-Kanonku Dun Anton Mallia Borg, rendikont tal-ezekutorija tal-eredita’ tal-Kanonku Pirotta li tieghu hija eredi. Qed titlob lill-istess Kanonku jirrestitwixxi diversi oggetti appartenenti lill-eredita’ u finalment qed titlob ukoll illi jigi restitwit legat rimuneratorju. Il-konvenut Kanonku Mallia Borg isostni li hu esegwixxa l-obbligi tieghu bhala ezekutur tat-testment. Isostni wkoll illi l-oggetti msemmija gew moghtija lilu mill-istess attrici eredi.

Jirrizulta illi fil-31 ta’ Awwissu 1994 miet il-Kanonku Carmelo Pirotta. Huwa halla bhala eredi tieghu lil Helen u Carmelina Sammut Alessi. Din tal-ahhar illum mejta u l-eredi taghha hija l-istess ohtha Helen. Fit-testment tieghu datat 31 ta’ Dicembru 1993, il-Kanonku Pirotta hatar bhala ezekutur testamentarju lill-Kanonku Dun Anton Mallia Borg. Jirrizulta wkoll illi wara li gie nieqes il-Kanonku Pirotta, l-ezekutur testamentarju ha hsieb dak kollu li kellu jsir sabiex jigu attwati ix-xewqat tad-

decuius li halla patrimonju ta’ entita’ konsiderevoli. Jirrizulta wkoll illi xi granet wara l-mewt tal-Kanonku Pirotta, il-konvenut garr mir-residenza tad-decuius diversi oggetti, fosthom dawk elenkati fir-rikors promotur. Id-dizgwid bejn il-partijiet inqala’ snin twal wara, bl-attrici tghid li l-oggetti ma kinux intizi biex izommhom il-konvenut, li qed isostni li hija stess kienet tathomlu.

Il-Qorti tinnota illi fin-nota ta’ sottomissjonijiet, il-konvenut Kanonku jqajjem il-kwistjoni tal-preskrizzjoni. Issa, ghalkemm fl-ewwel paragrafu tat-twegiba guramentata tieghu huwa jesprimi s-sorpriza ghall-proceduri stitwiti snin wara, huwa ma ressaqx formalment l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni, eccezzjoni din li seta’ ressaq f’kull stadju tal-proceduri. Anke kieku kellha l-Qorti tqis li bl-ewwel paragrafu tat twegiba guramentata huwa ssolleva l-eccezzjoni, il-Qorti tirreferi ghall-insenjament ta’ dawn il-Qrati kif riportat fis-sentenza “Manche vs Said” (deciza fit-28 ta’ Gunju 2003).

“*Inoltre skond l-Art.2111 il-Qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata; li jfisser li l-qorti ma tistax tissuplixxi ex officio ghan-nuqqas tal-parti u m’ ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara hijex applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx indikata <u>b’mod car u esplicitu</u> minn min jinvoka.*”

Il-Qorti tinnota illi l-provi prodotti f’din il-kawza jikkonsistu essenzjalment fir-rakkonti moghtija mill-partijiet innifishom, b’xhieda barranija limitatissima. Ghar-rigward tal-oggetti mehuda mid-dar tad-decuius, jirrizulta illi l-attrici kienet prezenti meta dawn ingarrew. Ma ngarrewx f’okkazzjoni wahda, izda f’diversi okkazzjonijiet, dejjem fil-prezenza tal-attrici ghaliex il-konvenut qatt ma kellu access ghad-dar tal-mejjet. L-attrici ssostni li f’dak il-mument hija ma opponietx ghaliex fdatu u hasbet li kellu dritt jaghmel hekk bhala ezekutur testamentarju. Il-konvenut isostni li dawn kienu donazzjoni. Fil-kuntest tad-divergenza bejn iz-zewg verzjonijiet, il-Qorti tqis rilevanti ferm ix-xhieda moghtija minn John Zammit, cerimonjier tal-Kollegiata ta’ Santa Elena li xehed hekk:

*"Naf bil-kwistjoni ta' bejn il-partijiet b'kumbinazzjoni. Fis-sena 2003 ghamlet hafna xita u d-dar tal-attrici garrbet hsara u sirt naf li mid-dar taghna kienu qed jinbieghu l-antikitajiet. Mort ma' persuna ohra Edward Maggi fid-dar taghha. Peress illi kont naf lil Kanonku Pirotta minn hafna snin qabel u l-attrici kienet werrieta tieghu, staqsejtha ghal xi affarijiet li kont naf bihom peress li kont midhla tal-Kanonku Pirotta. Dawn kienu inkwatru ossia pittura ta' Sant' Antnin u bicciet ta' ghamara. Meta staqsejtha qaltli li dawk kienu ilhom li marru 'ghax qassamt u tajt hafna affarijiet'. Kienet semmiet lill-Kanonku Mallia Borg bhala wiehed mill-persuni li lilu kienet tat xi affarijiet u qaltli 'u kemm tajtu lil dak!' Nghid li staqsejtha dwar l-inkwatru ta' Sant' Antnin jew San Frangisk u qaltli li diga' haduh. Tat lil Mallia Borg il-kwadru u qaltli 'lil dak tajtu hafna affarijiet' u lili qaltli 'kieku gejt qabel kont naghti lilek ukoll'."*

In kontroezami jkompli jixhed illi l-attrici uzat il-precizi kelmiet "*hallejtu jiehu hafna affarijiet*".

Din ix-xhieda ma giet kontradetta b'ebda mod u hija meqjusa minn din il-Qorti li ssahhah dak li jsostni l-konvenut li dak li ha mill-eredita' tal-Kanonku Pirotta kien bil-kunsens pjen tal-attrici.

Wiehed ma jistax ma jsemmix ic-cirkostanzi tar-relazzjonijiet tajba bejn il-partijiet fiz-zmien wara l-mewt tal-Kanonku Pirotta, u dan mhux biss immedjatament wara l-mewt izda ghal snin shah wara.

Il-Qorti tirreferi hawnhekk ghas-sentenza "Giordmaina Medici vs Rizzo" (deciza fit-28 ta' April 2004), fejn il-Qorti rriteniet illi:

*"In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun*

*hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili."*

Il-Qorti tirreferi wkoll ghall-gurisprudenza kwotata fl-istess sentenza msemmija. Fil-kaz in ezami, il-verzjoni tal-konvenut titqies mill-Qorti bhala l-aktar wahda attendibbli u verosimili.

Dwar ir-rendikont, il-Qorti tibda biex tqis illi l-ezekutur testamentarju huwa obbligat bhal kull mandatarju iehor, jaghti kont tal-ezekuzzjoni. Dan premess, jirrizulta illi fil-kaz in ezami, l-attrici bhala eredi tal-Kanonku Pirotta kienet qieghda kontinwament tippartecipa mal-istess ezekutur, fl-attwar tax-xewqat tad-defunt. Il-konvenut jixhed hekk:

*"Jiena wara l-funeral hadt il-passi biex nipprova nezegwixxi dak li kien hemm mitlub fit-testment. Flus f`idejja qatt ma kelli. Jiena kont nohrog l-ispejjez minn buti u mbaghad ninforma bihom lil eredi u kienu jirrifonduni huma. Wahda mill-legatarji kienet talbitni ammont ta` flus peress li jiena kont naf x`kien il-kontenut tat-testment jiena qbadt cekk minn tieghi u tajtha Lm250. Kont naf illi hi kellha dritt ta` legati akbar minn hekk u kont naf li kellha bzonn il-flus u ghalhekk tajthomlha. Hallast minn flusi wkoll diversi legati li kont naf illi kienu dovuti. L-ircevuti taghhom tajthom lil attrici."*

Fl-affidavit estensiv tieghu (fol. 102), il-konvenut jispjega dettaljatament il-process li esegwixxa sabiex jispleta l-inkarigu tieghu u jikkonferma li f'kull pass kienet kompartecipi l-istess eredi li kienet tohrog jew tircievi hlasijiet skont il-kaz li konsegwentement izzomm id-dokumenti relattivi. Infatti jirrizulta wkoll illi hija wahedha hadet hsieb biex tesegwixxi legati ta' mobbli. Hija ppartecipat bis-shih fil-proceduri kollha rigwardanti l-immobbli. Dan il-fatt ma gie kontradett bl-ebda mod. Fic-cirkostanzi, fejn il-Qorti tinnota li ghal snin shah baqghet tezisti klima shiha ta' ko-operazzjoni, il-Qorti ssib illi hija aktar verosimili l-verzjoni tal-fatti kif spjegata mill-konvenut. Hawnhekk ukoll, il-Qorti tinnota li l-allegazzjonijiet kollha qeghdin isiru wara trapass taz-zmien konsiderevoli.

Galadarba l-Qorti qieghda tqis li r-rendikont kien diga' nghata u, is-servizzi li kien obbligat jaghti l-konvenut effettivament gew rezi, it-talba ghar-restituzzjoni tal-legat rimuneratorju mhix misthoqqha.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet tar-Reverendu Kanonku Dun Anton Mallia Borg u tichad it-talbiet kollha ta' Helen Sammut Alessi.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Helen Sammut Alessi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------